**BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA'**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 3/09/1MV**

**Joseph Mallia ID 356731M, Rose mart Mario Raviola ID 601336M u Connie mart Amadeo Preca ID 695641M u wara l-mewt tal-attur Mario Mallia fis-17 ta' Jannar 2013 il-Bord ordna t-trasfusjoni tal-gudizzju f'isem l-istess ahwa Mallia u wara l-mewt tal-attrici Helena Mallia u permezz tad-digriet datat 7 ta' Jannar 2021 stante illi Carmel sive Charles Mallia miet fil-mori l-atti f'ismu gew trasfuzi f'isem Maria Odette Mallia.**

**Vs**

**Joseph Vella ID 759036M u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2012 il-Bord ordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Helen Mallia, Mario Mallia, Josephine sive Josette Demanuele, Camel sive Charles Mallia, Pauline Vella u Frances sive Francielle Deguara u Dr. Philip Manduca**

**bhal intervenut fil-kawza ghan-nom ta' Patricia Amous.**[1]

**Illum 11 ta' Gunu 2024**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors ta' Joseph Mallia ID 356731M, Rose mart Mario Raviola ID 601336M u Connie mart Amadeo Preca ID 695641M datat 8 ta' Jannar 2010[2].

Jesponu bir-rispett:

Illi huwa werrieta universali tal-mejta ommhom Francesca Mallia.

Illi r-raba li jinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat u tat-Tumbrill that il-gibjun, x-Xghajra ta' Haz-Zabbar kien bi qbiela minghand ommhom Francesca Mallia lil Carmela Tabone.

Illi dan l-ahhar l-esponenti saru jafu li Carmela Tabone fil-mori tal-qbiela kienet assenjat l-istess ghalqa bi qbiela lil certu Emanuel u Angelo ahwa Buhagiar fil-15 ta' Awwissu 1983 u dan b'effett mis-sena 1974 zgur kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-ircevuta markata Dok A, liema kopja inghatat minn l-istess Angelo Buhagiar lir-rikorrenti Joseph Mallia.

Illi l-istess Angelo Buhagiar ghadda wkoll kopja tal-ircevuta datata 15 ta' Awwissu 2008 li turi li certu Joseph Vella l-intimat li kien qed jigbor

[1] Digriet tal-5 ta' Gunju 2018 a A folio 7
[2] A folio 1 u 2 tal-process.

l-istess qbiela minghand Emmanuel u Angelo ahwa Buhagiar, liema ircevuta qed tigi annessa u markata DokB.

Illi ghalhekk l-istess mejta Carmela Tabone kif ukoll il-werrieta taghha qabdu u assenjaw l-istess ghalqa lil terzi minghajr il-kunsens tal-istess rikorrenti u ghalhekk ma ghandhom ebda titolu validu fil-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tar-raba fuq imsemmi mill-poter tal-intimat u jippreviggi terminu qasir u perentorju lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess raba li jinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat u tat-Tumbrill that il-gibjun, x-Xghajra ta' Haz-Zabbar bil-ispejjez kontra l-istess intimat.

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promutur.[3]

Ra r-risposta tal-intimati fejn talbu li fl-ewwel lok tigi identifikata bi preciz l-art mertu tal-kawza.[4]

Ra n nota tal-atturi fejn elenkaw kif l-ghalqa *de quo* kienet tappartjeni lilhom minn wirt ta' omm missier l-atturi, Angelo Galea.[5]

Ra n-nota tal-atturi fejn jasserixxu li Carmela Tabone ma kinitx sid tal-ghalqa *de quo*.[6]

[3] A folio 3 tal-process.
[4] A folio 17 tal-process.

[5] A folio 18 tal-process.
[6] A folio 123 u 125 tal-process.

Ra n-nota tal-atturi fejn, kif ordnat mill-Bord, ezebew sommarju tar-ricerki dwar l-ghalqa mertu tal-proceduri.[7]

Ra illi l-intimati tramite r-rapprezentant legali iddikjara li ma ghandux dokumenti x'jipprezenta dwar it-titolu tal-art pero' xtaq iressaq lir-rikorrenti ghall-kontro-ezami.[8]

Ra li permezz ta' nota l-atturi indikaw ezattament l-arja fuq pjanta tal-art mertu tal-kawza.[9]

Ra n-nota ta' Dr.Philip Manduca bhala mandatarju ta' wahda mill-intimati Patricia Amos fejn insista li l-atturi jindikaw ezatt l-ghalqa u it-titolu fuqha.[10]

Ra r-risposta tal-atturi ghan-nota ta' Dr. Philip Manduca ghan- nom tal-imsiefra Patricia Amos.[11]

Ra n-nota bl-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Joseph Vella bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredi ta' Carmela Tabone u ta' Dr. Philip Manduca bhala mandatarju ta' Patricia Amos fejn qed jikkontendu li l-ghalqa hija di fatti ta' Carmela Tabone.[12]

[7] A folio 138 tal-process.
[8] A folio 156 tal-process. Seduta 12 ta' Ottubru 2011.
[9] A folio 157 sa 159 tal-process.
[10] A folio 186 tal-process.
[11] A folio 202 tal-process.
[12] A folio 221 tal-process. Ara A folio 241 dwar l-isfilz tal-eccezzjonijiet li jirrigwardaw Dr. Philip Manduca noe.

Ra n-nota ta' Dr.Philip Manduca bi prova tal-mandat ta' Patricia Amos, kif ukoll l-arblu tar-razza biex jipprova li Amos hija fil-fatt werrieta ta' Carmela Tabone.[13]

Ra d-denunzja tal-mejjet Joseph Mallia.[14]

Ra s-sentenza tal-Qorti tal- Appell (Kompetenza Inferjuri) (App. Nru. 3/2009) datat 2 ta' Frar 2018 fejn l-atti intbaghtu lura lil dan il-Bord.[15]

Ra s-sentenza ta' dan il-Bord kif diversament presedut tal-21 ta' Marzu 2019.[16]

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha.

Ra u qies id-dokument u provi kollhs prodotti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet a folio 351 u 359 tal-atti processwali kif ukoll sema' s-sottomissjonijiet orali ghan-nom tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2023.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[13] A folio 243 u 245 tal-process.
[14] A folio 262 tal-process.
[15] A folio 19 tal-process tal-Qorti tal-Appell.
[16] A folio 19 tal-process.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor.**

Ir-rikorrenti jsostnu li huma s-sidien tal- art, ossija raba' li tinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barka u tat-Tumbrell taht il-gibjun, Xghajra ta' Haz-Zabbar. Din l-art qed jaffermaw li wirtuha minghand ommhom Francesca Mallia li huma l-werrieta universali taghha. Din tal-ahhar tatha bi qbiela lil certa Carmela Tabone.

L-istess rikorrenti isostnu li din Carmela Tabone, minghajr il-kunsens taghhom tat l-istess raba bi qbiela lil certa Emmanuel u Angelo ahwa Buhagiar fil-15 ta' Awwissu 1983 u b'effett mis-sena 1974.

Jidher li certu Joseph Vella beda jigbor il-qbiela minn ghand l-ahwa Buhagiar ghan-nom ta' Carmela Tabone u dan minghajr il-kunsens taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitolbu lil dan il-Bord biex l-eredi ta' Carmela Tabone jizgumbraw mir-raba' ghax ma ghandhomx titolu.

Minn naha taghhom l-eredi ta' Carmela Tabone jichdu li ma ghandhomx titolu, anzi jasserixxu li l-ghalqa *de quo* hija taghhom minhabba li huma l-eredi ta' Carmela Tabone. Skond huma din minn dejjem kienet tappartjeni lil Tabone u mhux lir-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

**Provi**

Xehed **Joseph Mallia** permezz ta' affidavit datat 10 ta' Marzu 2009 fejn qal li huwa jigi t-tifel ta' Francesca Mallia. Jishaq li l-ghalqa li tinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat u tat-Tumbrill taht il-gibjun x-Xghajra ta' Haz-Zabbar wirtitha ommu minghand missierha Anglu Galea. Jghid li ommu kienet tifla waheda u ma kellix hutha. Isostni li din ir-raba jiftakru bi qbiela lil Carmela Tabone li kienet tigi thallas 15s fis-sena lill-ommu li kienet toqghod 68, Triq San Gejtanu, Hamrun. Meta ommu mietet fil-1979, Carmela Tabone kienet tigi thallas il-qbiela lilu fil-hanut li kellu numru 18, Triq Santa Lucia, Valletta u kien jiktbilha l-ircevuta. Carmela Tabone kienet toqghod 39, Triq Hal-Bajjada, Zabbar. Jghid li peress li l-ghalqa ma kienx jaf fejn qieghda kien ghamel ricerka ma' l-Agrikoltura u xi xaghrejn qabel kien sar jaf fejn hi u mar u sab lil certa Anglu Buhagiar li qallu li kien qed ihallas il-qbiela lil Carmela Tabone u wara kien qed ihallas lil certa Joseph Vella. Dan tah l-ewwel u l-ahhar ircevuta tal-qbiela. Mar ghand Joseph Vella ghax Anglu Buhagiar tah l-indirizz. Dan tal-ahhar qal li kien l-prokuratur tal-werrieta ta' Carmela Tabone li jinsabu imsifrin u ammetta mieghu li kien jigbor il-qbiela. Jghid li hu assigurah li ma kienx ser jibgor aktar qbiela.

Isostni li l-ghalqa wiritha huwa u z-zewg hutu Rose Raviola u Connie Preca.[17] Hu ipprezenta xi dokumenti biex isahhah ix-xhieda tieghu.

Xehdet l-**Avukat Anna Mallia** nhar it-22 ta' Gunju 2009 fejn ikkonfermat id-dokumenti Dok M1 u M3. Tghid li kien cemplilha l-

[17] A folio 36 u 37 tal-process.

intimat nomine u qalilha li hu Joe Vella u weghdha li ma kienx ser jigbor iktar qbiela minghand is-sinjuri li qed jokkupaw l-ghalqa. Wara kienet irceviet ittra minghad in-Nutar Carmelo Lia u kien talabha biex tibghatlu l-provenjenza. Fil-fatt hekk ghamlet u huma l-istess dokumenti li ezebit waqt il-proceduri odjerni. Skond in-Nutar Lia l-atturi ma kellhomx titolu u ghalhekk kella issir din il-kawza.[18]

Xehed **Mario Mallia** permezz ta' affidavit datat 3 ta' Lulju 2017 fejn jghid li huwa jigi t-tifel ta' Giuseppi u Helena Mallia u jghid li l-art in kwistjoni ma kienx ihallihom jinzlu fiha minhabba il-kacca. Jiftakar li kienet tigi mara xiha thallas il-qbiela lil missieru fil-hanut tieghu il-Belt Valletta. Kienet tghid li l-qbiela kienet tal-ghalqa ta' San Anard. Jghid li hu baqa' bin-negozju ta' missieri u l-mara kienet qasira u tilbes il-griz u kienet tigi kull sena. Raba ohra huma ma ghandhomx. Missieru kien jaghmlilha ircevuta. Jghid li xi tlett snin qabel ma miet missieru kienu marru missieru u huh Charles Mallia, ma raw lil hadd u innota li kienu fethu triq. Missieru dejjem qalilhom li r-raba' hija taghhom.[19]

Xehed **Carmel sive Charles Mallia** permezz ta' affidavit datat 25 ta' Settembru 2013 u jghid li l-ghalqa kien jaf fejn qieghda ghax kien imur ma' missieru Joseph Mallia. Kien imur passiggata mieghu . Meta kien imur ma kien jara lil hadd jahdimha. Illum il-gurnata ghamlu triq maghha u tidhol maghha ezatt. Qabel ma kienx hekk. Jghid li l-ahhar darba li mar kien f'Jannar 2010 mal-Perit Sarsero u ma kien hemm hadd l-ghalqa.[20]

---

[18] A folio 120 tal-process.
[19] A folio 253 tal-process.
[20] A folio 254 tal-process.

Xehed **in kontro-ezami Mario Mallia** nhar il-11 ta' Dicembru 2013 fejn jikkonferma li l-ghalqa hija kbira u kien urihielu missieru. Jiddiskrivi kif kienu jaslu ghaliha meta kienu zghar. Jikkonferma li Carmela Tabone kienet thallas il-qbiela l-Belt. Jikkonferma li l-kitba fuq l-ircevuti a folio 38, 39 u 40 huma ta' missieru. Ma jiftakarx li missieru qatt mar ikellem lill-gabillott u hu ma jafx min hu. Ma jafx jghid ghaliex missieru qatt ma ha passi ladarba Carmela Tabone waqfet thallas il-qbiela u ma ghandux notamenti meta hallset l-ahhar. Jghid li l-ghalqa hija parti mid-denunzja.[21]

Xehed **Carmel sive Charles Mallia** nhar il-11 ta' Dicembru 2013 fejn jghid li parti mill-art hija xaghri u parti hemm ir-raba' fiha. Jghid li l-art kienet intirtet minn missieru. Jghid li kien missieru li indika l-art lill-perit. Jikkonferma li l-art hija dik indikata f'pagni 158 u 159. Jikkonferma li l-art li hija taghhom hija dik a folio 159 tal-process.[22]

Xehdet **Connie Preca** fit-30 ta' April 2014 fejn tghid li tigi oht Joseph Mallia u tghid li l-artijiet taht il-gibjun tax-Xghajra ta' Haz-Zabbar kienu tan-nannu taghha. Tghid li meta miet nannuha hija kellha 16-il sena u ma taf xejn fuq l-artijiet tal-kawza. Tghid li tiftakar lil ommha issemmi mara minn Haz-Zabbar pero' ma taf xejn aktar.

In kontro-ezami tghid li nannuha kien jismu Angelo Galea u nannitha kien jisimha Concetta Galea.[23]

[21] A folio 257 tal-process.
[22] A folio 259 tal-process.
[23] A folio 268 tal-process.

Xehdet **Rose Raviola** nhar it-30 ta' April 2014 u tikkonferma li hija tigi oht il-mejjet Joseph Mallia u ma taf xejn dwar l-ghelieqi li fuqhom hija ibbazata l-kawza. Tghid li qatt ma kienet taf li kellhom dawn l-artijiet. Tghid li hija bint Frangiska Mallia u n-nannu kien jismu Angelo Galea u nannitha Concetta Galea. Ma tafx jekk xi hadd kienx jircievi xi hlasijiet jew xi cnus. Ma indikatx l-art u tghid li nannitha qatt ma semmiet xi artijiet.

Xehed **Angelo Buhagiar** permezz ta' affidavit datat 14 t' Ottubru 2013 u jghid li fl-1983 Carmela Tabone qabblet lilu u lil huh Emanuele Buhagiar zewg ghelieqi fix-Xghajra, Zabbar. Dawn iz-zewg ghelieqi huma mbieghdin xi kilometru u ftit. Jghid li Carmela Tabone kienet taghmel ircevuta tal-qbiela wahda. Jghid li l-ghalqa Ta' Barka tinkludi arja akbar minn dik fejn ghandu l-ghalqa u l-ghalqa l-ohra li kera mill-Gvern tissejjah Ta' Barkat. Isostni li qabel ma tqabblu lilhom dawn l-ghelieqi kienu mqabblin lil Carmelo Cassar. Lil Cassar kienu ilhom jafuh minn ckunithom. L-ghalqa Ta' Barkat kienet tintuza ghall-insib ghax kienet raba' baghli. Dik ta' Tumbrell tinhadem u tinzera. Jghid li Ta' Barkat zera xi bajtar tax-xewk u kappar. Jghid li saru jafu li dawn l-ghelieqi kienu bi qbiela minn ghand Carmelo Cassar stess. Jghid li minn ghandu stess saru jafu lil Carmela Tabone u fejn kienet toqghod. Carmelo Cassar kien issuggerilhom biex l-ghelieqi jinqalbu fuqhom u kien hadhom ghand Carmela Tabone. Izda Carmelo Cassar miet f'daqqa qabel ma Carmela Tabone kienet qalbet il-qbiela fuqu u fuq huh.[24]

[24] A folio 274 tal-process.

Jghid li wara li miet Carmelo Cassar bdew jigru wara Carmela Tabone biex il-qbiela iddur fuqhom. Wara xi snin dawwrithom fuqhom b' LM 4 ½ kull sena.

Waqt li kien fl-ghalqa fejn soltu jonsob jghid li kien gie ragel u staqsieh fejn kien ir-raba' ta' Carmela Tabone. Hu spjegalu li dik l-ghalqa kienet ta' Carmela Tabone u l-ghalqa l-ohra kienet xi kilometru il-boghod. Jiftakar li dan ir-ragel tah karta bid-dettalji ta' Joseph Mallia. Jghid li dwar l-ghalqa l-ohra f'Tat-Tumbrell taht il-Gibjun ma kienx interessat.

Xehed **Emanuel Buhagiar** permezz ta' affidavit datat 14 ta' Ottubru 2013 u jikkonferma kif l-ghelieqi gew ghandhom tramite Carmela Tabone li skond huwa kienet is-sid taz-zewg ghelieqi li huma separati u distinti. Tant li huma imbieghdin xi kilometru kull wiehed.[25]

Xehed **Angelo Buhagiar** fid-29 ta' Ottubru 2014. Jispjega li biex ghamel l-affidavit tieghu a folio 281 mar ma' Joseph Vella u in-nutar nizzel dak li qallu hu.[26] Jghid li l-art li jonsob fiha mhix fejn il-gibjun izda fejn l-impjant tar-riciklagg. L-ghalqa l-ohra hija aktar lil hinn u infatti hija taht il-gibjun.

Jghid li meta gie missier Mario Mallia u qal li l-ghalqa hija tieghu din kienet ta' Ta' Barkat. Dan ma kienx jaf fejn hija l-art ghax hu kien ihallas il-qbiela lil hafna nies. Jghid li ma jidhirlux li tah xi ircevuti u li

---

[25] A folio 215 tal-process.
[26] A folio 279 tal-process.

ilu jaghmel uzu mill-ghalqa mill-1983. Jghid li kien tah karta li huwa esebixxa.

Jghid li d-dokument a folio 38 qatt ma rah. Dak a folio 39 kien ghaddihulu hu lis-Sur Mallia. Qabel mietet Carmela Tabone ikkomunikat mieghu u qaltlu illi Joseph Vella kien il-prokuratur taghha u beda jhallas lil Joseph Vella. Jikkonferma li a folio 40 hija kopja mill-ircevuta li ghandu fil-ktieb tieghu. Jghid li hu ma jafx jaqra. Meta mietet Carmela Tabone ebda perit ma gie jaghmel stima tal-art.

Fuq domanda tal-Bord jiftakar li wara l-mewt ta’ Carmela Tabone kien gie perit biex jara l-artijiet fosthom Ta’ Barkat u dan kien qabel ma mar Joe Mallia jkellmu.

Xehed **Mario Mallia** nhar id-29 ta’ Ottubru 2014 jghid li l-mara li kienet thallas lil missieru ma jafx min hi ghax kien zghir. Missieru kien jghid li kienet Carmela Tabone imma hu ma jafx min hi. Skond missieru kienet thallas qbiela u mhux cens.[27]

Xehed **in-Nutar Carmelo Lia** nhar l-4 ta’ Marzu 2015 u jghid li lil Carmela Tabone kien jafha. Jikkonferma li d-dokument JV 1 ghamlu hu. Jghid li dan id-dokument mhux iffirmat u l-original iffirmat ghax kien intbaghat lid-Direttur tas-Servizzi Socjali ghal ragun li Carmela Tabone kienet bieghet xi propjeta’ u bhala rizultat ta’ dan waqqfulha l-pensjoni fl-1971. Jghid li dan id-dokument kien biex l-awtoritajiet ikun jaf x’artijiet ghandha Carmela Tabone. Jghid li hija kienet is-sid ta’ terz mill-propjetajiet u r-rimanenti zewg terzi kienu ta’ hutha. Dwar

[27] A folio 282 tal-process.

il-lista ta' propjetajiet tathielu Carmela Tabone u hu kien ghamel l-investigazzjonijiet ukoll. Bejn 'Dar is-Soru' u l-bahar kien hemm diversi ghelieqi u bhala zona maghrufa San Leonardo, limiti ta' Haz-Zabbar u hemm madwar 154 tomna. Jghid li Carmela Tabone kienet tircievi l-qbiela hija u minnha kienet thallas ic-cens ta' zewg liri u ghaxar xelini.[28] Hu ma dahalx fil-mertu lil min kienet thallas ic-cens. Hija kienet thallas ic-cens u mhux qbiela. Hija ma kinitx gabillott.

Dwar ic-cens li kien ghalaq f Ottubru 1971 jghid li ma jafx ghax id-dikjarazzjoni saret fis-16 ta' Novembru 1971 u c-cens kien ghalaq madwar xahar qabel. Ic-cens kien is-sehem indiviziv taghha. Ic-cens kien temporanju u ma jafx ma' min kien diviz.

Dok JV 2 hija l-arja li l-Bord immarka 'X' maghrufa bhala l-Golf l-Abjad. Jghid li tat-Tumbrell hija l-istess zona imma ftit il-boghod miz-zona maghrufa bhal 'San Leonardo'. Dak immarkat bhal A huma serer. Iz-zona hija kbira hafna u l-ghalqa hija mbaghad ghalqa zghir f' din iz-zona. Jghid li tal-Barkat hija z-zona kollha u fejn immarkat b' cirku huwa d-Dar tas-Soru.

Jghid li hu jaf lil Carmela Tabone personalment u r-ricerka tieghu kienet ibbazata fuq id-denunzja ta' ommha li saret fit-23 ta' Settembru 1967. Ma jafx x'gara bic-cens li ghalaq f'Ottubru 1971. Jikkonferma li hija kienet taghmel il-hlas lil xi hadd pero' ma jafx lil min. Jghid li meta mietet Tabone Carmela l-werrieta taghha ma kinux inkargaw lilu ghad-denunzja.

[28] A folio 295 tal-process.

Finalment jghid li huwa ma marx fuq il-post imma il-pjanti kienu gabuhomlu.

Ri-ezaminat jghid li z-zona huwa jafha sewwa u l-pjanti gabuhomlu ghax hekk issir id-denunzja.

Xehdet **Patricia Bice Amos** permezz ta' affidavit datat 19 ta' Gunju 2015 fejn bl-ingliz qalet li z-zewg ghelieqi Ta' Tumbrell' u Ta' Barkat kienu jappartjenu lill-buznannu taghha Alfonse Tabone u lil martu Caterine Tabone. Iz-zija tagha Carmela Tabone fl-1988 appuntat lil habib kbir taghha Joseph Vella biex jigbor il-kera fuq il-propjetajiet kollha 'Tabone Estates' ghax hija kienet ser tiddahhal go dar tal-anzjani u mietet fit-28 ta' Lulju 1998. Joseph Vella ilu jaghmel dan ghal 27 sena. Tghid li hija giet infurmata b'ittra datata 10 ta' Marzu 2009 li certu Joseph Mallia qed jghid li l-ghelieqi de quo huma tieghu. Dawn l-ghelieqi kienu gew mikrija lill-ahwa Angelo u Emmneule Buhagiar. Joseph Vella kien ilu jibor il-kirja minn ghandhom ghal hafna snin. In-Nutar Enzo Refalo minn Ghawdex kien ipprocessa is-successjoni ta' 'Tabone Estates' datat 19 ta' Awwissu 2013.[29]

**Ikkunsidra:**

B'sentenza ta' dan il-Bord kif diversament presedut mill-allura Magistrat, illum Imhallef Onor. Josette Demicoli nhar il-21 ta' Marzu 2019 iddecieda bil-mod segwenti:

[29] A folio 325 tal-process.

**Ghaldaqstant il-Bord iqis li f'tali cirkustanzi ma jistax jinghad li r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku. Biss pero' dan ma jfissirx li l-kawza tista' tipprocedi. Dan billi dan il-Bord ghandu quddiemu kwistjoni li hija ta' natura petitorja li ma tist ax tigideciza minnu ghaliex ma taqax fil-kompetenza tal-Bord. Ikun inutili li jkun hemm il-prosegwiment tal-kawza daqs li kieku qisu xejn mhu xejn. Tenut kont li anki l-intimat qieghed jivvanta dritt ta' proprjeta' fuq l-istess art jehtieg li tali mertu u kwistjoni tigi ventilata quddiem il-Qorti kompetenti li hija l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili.**

**Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Bord iqis li r-rikorrenti ghandhom interess guridiku sabiex jipproponu l-azzjoni intentata, b'danakollu tenut kont ta' dak li gie rilevat jehtieg li min ghandu nteress mill-partijiet jehtieg li jipproponi kawza quddiem il-Qrati Ordinarji sabiex jigi determinat l-art oggett tal-kawza lil min tappartjeni'.[30]**

Issa mill-atti jidher li ma kienx hemm xi appell minn din id-decizjoni. Lanqas ma jirrizulta li xi hadd mill-partijiet ha xi azzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex tigi iddeterminata ta' min hija l-art, ossija ir-raba'. Punt li kif qal kemm l-istess Bord kif ukoll qalet aktar qabel fit-2 ta' Frar 2018 il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-istess ismijiet, tali decizjoni hija rimessa ghal qrati ordinarji u mhux ghal dan il-Bord.

**Ikkunsidra:**

[30] A folio 25 u 26 tal-process.

Illi konsegwentament, stante illi l-Bord iqis li tali decizjoni ma taqax fil-kompetenza tieghu, u stante illi hadd mill-partijiet ma mexa fuq is-sentenzi gia moghtija fuq indikati, il-Bord iqis illi ghandu jibghat l-atti lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex jigu assenjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed ai termini tal-Artiklu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jibghat l-atti lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex jigu assenjati skont il-ligi.

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Chairperson**

**Victor Deguara**

**Deputat Registratur.**